# FACT SHEET

## ABBOZZ TA' LIĠI TAL-2025 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-ĦRUĠ TA' WARRANTS LILL-INTERPRETI TAL-LINGWA TAS SINJALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT

inklużjoni

## SFOND

- Fl-2016, Malta adottat il-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) bħala lingwa uffiċjali, b'żieda mal-Malti u l-Ingliż bħala lingwi uffiċjali mitkellma.

- Il-Kunsill Malti tal-Lingwa tas-Sinjali (KLSM) inħoloq bħala korp bil-għan li jingaġġa l-partijiet kollha interessati fir-rigward tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM), u tad-drittijiet u l-kultura tal-komunità tal-persuni neqsin mis-smigħ f'Malta u f'Għawdex.

- L-artikolu 8(i) tal-Att dwar ir-Rikonoxximent tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija (Kapitolu 556 tal-Liġijiet ta' Malta) tobbliga lill-Kunsill biex "jippreskrivi u jistabbilixxi regolamenti dwar l-istandards ta' kompetenza li persuna li ser taġixxi bħala interpretu tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija għandu jkollha u jżomm reġistru ta' Interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali rikonoxxuti".

## L-ABBOZZ TA' LIĠI – TIPI TA' REĠISTRAZZJONI U EŻENZJONIJIET

- In segwitu ta' dan, ġie deċiż li tinħoloq sistema b'żewġ livelli fil-leġiżlazzjoni:

    - Ir-reġistrazzjoni tkun miftuħa għall-interpreti tal-lingwa tas-sinjali li jaħdmu bi kwalunkwe lingwa tas-sinjali, mhux biss bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM), kif ukoll bis-Sinjali Internazzjonali (International Sign)

    - Il-warrants ikunu disponibbli wkoll għall-interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) li, wara r-reġistrazzjoni, ikunu ssodisfaw rekwiżiti addizzjonali ta' kompetenza u esperjenza.

- Dan isegwi l-eżempju tal-Irlanda, is-Slovenja, l-Olanda, il-Polonja, l-Iżvezja, l-Italja, l-Ungerija u n-Norveġja, ilkoll Stati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, li adottaw leġiżlazzjoni u strutturi regolatorji simili.

- Barra minn hekk, ġiet ipprovduta l-possibbiltà li interpreti minn madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera jwettqu xogħol temporanju jew okkażjonali f'Malta, fit-termini tal-liġi tal-UE.

- Eżenzjoni prattika hija pprovduta għall-interpreti li jakkumpanjaw persuni neqsin mis-smigħ li jivvjaġġaw lejn Malta għal żjarat qosra, sa tliet xhur, bħal biex jattendu konferenza jew għal vaganza.

## IR-REĠISTRU

- L-interpreti kollha rreġistrati, li jkollhom warrant jew li jwettqu xogħol temporanju jew okkażjonali f'Malta jiġu elenkati f'Reġistru, li għandu jinżamm aġġornat kontinwament mill-Kunsill, ikun disponibbli għall-pubbliku, u jiġi ppubblikat kull sena fil-Gazzetta tal-Gvern.

## BORD GĦAR-REĠISTRAZZJONI U L-GĦOTI TA' WARRANTS LILL-INTERPRETI

- Id-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni u l-għoti ta' warrants għandhom jittieħdu minn Bord indipendenti għar-Reġistrazzjoni u l-Għoti ta' Warrants lill-Interpreti, maħtur mill-Ministru responsabbli mis-settur tad-diżabilità, fuq parir tal-Kunsill.

- Il-Bord ikun magħmul minn persuni bi kwalifiki u esperjenza xierqa, kif ukoll detenturi ta' warrant, li jgawdu l-fiduċja tal-Kunsill u tal-Assoċjazzjoni Interpreti Lingwa tas-Sinjali Maltija (AILSM).

## IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

- Minħabba n-natura speċifika ta' din il-leġiżlazzjoni, il-komunità lokali tal-persuni neqsin mis-smigħ ġiet ikkonsultata, tramite l-Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ u l-Għaqda Għawdxija għall-Persuni Neqsin mis-Smigħ. B'dan il-mod, il-Ministeru kkordina mal-Kunsill, l-AILSM u l-Aġenzija Sapport, li tospita d-Deaf and Hard of Hearing Service u s-Servizz ta' Interpretazzjoni tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

## PASSI LI JMISS

- L-Att jidħol fis-seħħ xahrejn wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta tal-Gvern, kif mitlub mill-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk jippermetti lill-partijiet interessati kollha perjodu ta' adattament fir-rigward tal-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida.

- Noti ta' Spjegazzjoni se jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern flimkien mal-Att eventwali ladarba jiġi adottat mill-Parlament, filwaqt li Linji Gwida għall-Utent se jsiru disponibbli għall-pubbliku mill-Kunsill.

- Il-Gvern huwa kburi li qed jappoġġja d-drittijiet tal-komunità ta' persuni neqsin mis-smigħ permezz ta' din l-inizjattiva, lejlet l-għaxar anniversarju minn meta l-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) saret lingwa uffiċjali.

- Din l-inizjattiva ntlaqgħet ukoll b'mod pożittiv mill-European Union of the Deaf (EUD) u l-World Federation of the Deaf (WFD).

inklużjoni

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-VOLONTARJAT